



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 14.11.2006
KUMM(2006) 691 finali

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-KUMMISSJONI

**Il-kejl ta' l-ispejjeż amministrattivi u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi fl-Unjoni
Ewropea**

{KUMM(2006) 689 finali}

{KUMM(2006) 690 finali}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-KUMMISSJONI

Il-kejl ta' l-ispejjeż amministrattivi u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi fl-Unjoni Ewropea

1. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea ipproponiet strateġija ambizzjuża biex jitkejlu l-ispejjeż amministrattivi u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fl-UE, li tinkludi l-adozzjoni ta' mira konġunta ta' l-UE biex jitnaqqsu dawn il-piżijiet b'25% b'mod ġenerali tul perjodu medju ta' żmien. Dan jenfasizza l-impenn tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar bħala parti mill-istrateġija "Tkabbir u Impjiegi".

Dan id-dokument ta' ħidma jakkumpanja r-Reviżjoni Strateġika tar-Regolamentazzjoni Aħjar fl-UE u jipprovdi preżentazzjoni dettaljata tas-sisien ta' l-istrateġija għal ma' l-UE kollha biex jitkejlu l-ispejjeż amministrattivi u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi li qed jiġu proposti fir-Reviżjoni Strateġika. Dawn is-sisien ġew ifformulati fuq il-bażi ta' l-istudju pilota dwar il-kejl tal-piżijiet amministrattivi, li twettaq fis-Sajf ta' l-2006, u nġabru fil-qosor aktar 'l isfel¹. Dan id-dokument biħsiebu jagħti bidu għal diskussjoni wiesgħa mal-Kunsill, mal-Parlament Ewropew, ma' l-Istati Membri u mal-partijiet interessati dwar l-aħjar mod li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fl-UE. Fuq il-bażi ta' din id-diskussjoni, f'Jannar 2007, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta għal Programm ta' Azzjoni ta' l-UE dwar it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi, fil-ħin għall-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' l-2007. Dan id-dokument, għalhekk, huwa l-ewwel element tar-reazzjoni tal-Kummissjoni għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2006 li stiednu lill-Kummissjoni biex tagħmel proposti xierqa dwar it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi sa kmieni fl-2007.

1.1. L-ispejjeż amministrattivi u l-ambjent tan-negozju ta' l-UE

Parti l-kbira mil-leġiżlazzjoni tal-KE ġiet introdotta biex ikunu kkorreġuti l-fallimenti tas-suq u jkunu żgurati l-istess kondizzjonijiet għal kulħadd fuq livell Komunitarju. Dik l-assigurazzjoni ta' spiss tista' tiġi żgurata biss permezz ta' obbligi biex tkun provduta l-informazzjoni u biex isiru rapporti dwar l-applikazzjoni tan-normi leġiżlattivi. Madanakollu, uħud mill-proċeduri li ġew stabbiliti saru jieħdu wisq ħin, huma wisq ikkumplikati jew bla utilità mingħajr mhemm il-ħtieġa li dan ikun hekk.

Spejjeż amministrattivi mhux meħtieġa u sproporzjonati jfixklu ferm l-attività ekonomika. Huma wkoll irritant importanti għall-attività tan-negozju u ta' spiss jiġu identifikati bħala prijorità f'konsultazzjonijiet dwar is-semplifikazzjoni. Il-Kummissjoni hija impenjata li tnaqqas dawn il-piżijiet li mhumiex meħtieġa sakemm ikun possibbli.

¹ "Pilot project on administrative burdens" ("Proġett pilota dwar il-piżijiet amministrattivi"), WIFO-CEPS, Ottubru 2006

L-ispejjeż amministrattivi huma importanti peress li n-negozji ma' l-Ewropa kollha huma meħtieġa li jaħlu ammonti konsiderevoli ta' ħin jimlew formoli u jirrapportaw dwar firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet. Billi jitnaqqsu rekwiżiti ta' rappurtaġġ li mhumiex meħtieġa, impjegati ta' kumpanija jistgħu jqattgħu aktar ħin fuq attivitajiet ċentrali tan-negozju li jistgħu jnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni u jippermettu li jimmaterjalizzaw irwieħhom l-investment addizzjonali u l-attivitajiet ta' innovazzjoni, li min-naħa tagħhom għandhom itejbu l-produttività u l-kompetittività ġenerali.

Bħalissa hemm biss erba' Stati Membri li keġlu l-ispejjeż amministrattivi. Madanakollu, valutazzjoni bbażata fuq estrapolazzjoni tad-data Olandiża tissuġġerixxi li l-ispejjeż amministrattivi jistgħu jammontaw għal madwar 3.5% tal-GDP fl-UE.

L-ispejjeż amministrattivi skond l-Istat Membru																					
	AT	BL ²	CZ	DE	DK	ES	FI	FR	UK	GR	HU	IE	IT	NL	PL	PT	RE ²	SK	SI	SE	UE-25
Is-sehem ta' l-ispejjeż amministrattivi mill-GDP (f%) ¹	4.6	2.8	3.3	3.7	1.9	4.6	1.5	3.7	1.5	6.8	6.8	2.4	4.6	3.7	5.0	4.6	6.8	4.6	4.1	1.5	3.5
¹ Ibbażat fuq Kox (2005): <i>Intra-EU differences in regulation-caused administrative burden for companies</i> (Id-differenzi fi ħdan l-UE fil-piż amministrattiv għall-kumpaniji kkawżat mir-regolamentazzjoni). Memorandum tas-CPB 136. CPB, l-Aja). ² BL tgħaqqad lill-Belġju u lil-Lussemburgu; RE tgħaqqad lill-Istati Membri Baltiċi, lil Malta u lil Ċipru; il-figuri ta' l-UE-25 huma medji mgħobbija (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi) tal-GDP																					

Fl-2004 is-CPB, l-Uffiċċju Olandiż għall-Analiżi tal-Politika Ekonomika kkalkula li t-tnaqqis tal-piż amministrattiv b'25% eventwalment għandu jwassal għal żjieda ta' 1.6% fil-GDP ta' l-UE.

Ħidma reċenti li twettqet mis-servizzi tal-Kummissjoni², li tibni fuq l-istimi tas-CPB, tindika li tnaqqis ta' 25% fl-ispejjeż amministrattivi jista' jagħti benefiċċji sinifikanti sa 1.5% - jew madwar €150 biljun – fil-livell tal-GDP.³

² “EPC Better Regulation Thematic Paper” (“Dokument Tematiku għal Regolamentazzjoni Aħjar ta' l-EPC”), il-Kummissjoni Ewropea.

³ Huwa importanti li wieħed iżomm quddiem għajnejh li dan jirrappreżenta bidla gradwali fil-livell tal-GDP fis-sena li fih qed jiġi rrapportat. Pereżempju, jekk bejn l-2007 u l-2011, il-piż amministrattiv jitnaqqas b'25%, il-GDP fl-2011 għandu jkun 1.5% ogħla milli kieku jkun mingħajr it-tnaqqis. Din iż-żjieda hija permanenti b'tali mod li jekk il-piż amministrattiv jibqa' fil-livell aktar baxx (75%), il-GDP se jibqa' ogħla. Madanakollu, ma jaffetwax ir-rata tat-tkabbir tal-GDP, jiġifieri d-dinamika tat-tkabbir tal-GDP.

Graff: L-effetti tal-GDP sa l-2025 ta' tnaqqis ta' 25% fl-ispejjeż amministrattivi

Tabella

It-tnaqqis ta' l-ispiża amministrattiva u ż-żidiet fil-GDP skond l-Istat Membru

(il-bidliet f' % mill-GDP b' mod bażiku għall-2025)

	AT	BL	CZ	DE	DK	ES	FI	FR	UK	GR	HU	IE	IT	NL	PL	PT	RE	SK	SI	SE	UE-25
Il-bidliet fil-livelli tal-GDP (f' %)	1.8	0.9	1.3	1.3	0.7	1.7	0.6	1.4	0.5	2.4	2.6	0.8	1.7	1.3	1.9	1.7	2.6	1.9	1.4	0.5	1.3

Nota: BL tgħaqqad lill-Belġju u lill-Lussemburgu; RE tgħaqqad lill-Istati Membri Baltiċi, lil Malta u lil Ċipru; il-figuri ta' l-UE-25 huma medji mgħobbija (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi) tal-GDP

Sors: DG ENTR u s-CPB 2006

1.2. Id-definizzjoni ta' spejjeż amministrattivi

Spejjeż amministrattivi tfisser l-ispejjeż li jsiru mill-intrapriżi, mis-settur tal-volontarjat, mill-awtoritajiet pubbliċi u miċ-ċittadini ħalli jissodisfaw obbligi legali biex jipprovdu informazzjoni dwar l-attivitajiet (jew il-produzzjoni) tagħhom, jew lill-awtoritajiet pubbliċi jew lil partijiet privati. Huma differenti mill-ispejjeż ta' konformità li ġejjin mir-rekwiżiti ġeneriċi tal-leġiżlazzjoni, bħall-ispejjeż minħabba l-iżvilupp ta' prodotti jew ta' proċessi ġodda li jissodisfaw standards soċjali u ambjentali ġodda. Għaldaqstant, il-miżuri għat-tnaqqis ta' l-ispejjeż amministrattivi huma limitati għas-semplifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' informazzjoni u ma jaffettwawx it-tfassil bażiku tal-leġiżlazzjoni sottostanti. Dan jissuġġerixxi li l-miżuri ta' semplifikazzjoni biex jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi jiġu żviluppati b' mod aktar faċli minn miżuri li għandhom l-għan li jbiddu n-natura jew l-ambitu tal-leġiżlazzjoni sottostanti. Minħabba n-natura tagħhom u fid-dawl ta' l-esperjenzi fi Stati Membri li żviluppaw programmi għat-tnaqqis ta' l-ispejjeż amministrattivi, dawn il-miżuri ta' tnaqqis għandhom ikunu relattivament sempliċi biex jiġu deċiżi u implimentati. Miżuri ta' din ix-xorta għalhekk huma fundamentalment differenti minn inizjattivi ta' deregolamentazzjoni.

Ir-rekwiżiti jistgħu jinqasmu aktar f'obbligi ta' informazzjoni (IOs). Dan jista' jiġi spjegat bl-aħjar mod kif ġej: parti ta' leġiżlazzjoni jista' jkun fiha rekwiżiti biex titressaq informazzjoni (jiġifieri, jitressaq ċertifikat ta' konformità quddiem awtorità pubblika, fuq bażi regolari). Kull rekwiżit speċifiku fil-leġiżlazzjoni jiġi ddefinit bħala IO.

Trid issir distinzjoni importanti bejn informazzjoni li kieku tinġabar min-negozji, anki fin-nuqqas tal-leġiżlazzjoni u informazzjoni li kieku ma tinġabarx mingħajr id-dispożizzjonijiet legali. Ta' l-ewwel jissejħu spejjeż amministrattivi; ta' l-aħħar piżijiet amministrattivi. L-istrateġija għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni għandha l-għan li tkejjel l-ispejjeż amministrattivi u tnaqqas il-piżijiet amministrattivi.

1.3. Id-distribuzzjoni ta' l-ispejjeż amministrattivi fl-Unjoni Ewropea

Tliet qisien bażiċi li ttieħdu mill-Istati Membri biss jippermettu li l-ispejjeż jitqassmu fil-kategoriji A, B u C kif ġie identifikat aktar 'l isfel. Id-data mill-kejl Olandiż u Daniż⁴ tissuġġerixxi li parti żgħira mill-ispiża toriġina mill-miżuri ta' traspożizzjoni u ta' implimentazzjoni, filwaqt li spejjeż sostanzjali huma relatati ma' obbligi nazzjonali u internazzjonali. Id-data tar-Renju Unit għadha mhix disponibbli għalkollox, imma se tkun ippubblikata dalwaqt; madanakollu, id-data li nqasmet mal-Kummissjoni biex ikun iffaċilitat il-pilotaġġ, donnha tenfasizza l-importanza ta' l-obbligi nazzjonali. Huwa evidenti li ammont konsiderevoli ta' spejjeż joriġina fuq livell nazzjonali, li jitlob impenn nazzjonali qawwi, flimkien ma' l-isforzi tal-Kummissjoni, biex jittejjeb il-klima tan-negozju.

Id-distribuzzjoni ta' l-ispejjeż amministrattivi fid-Danimarka (DK) u fl-Olanda (NL)		
Is-sehem ta' l-ispejjeż amministrattivi skond l-orijini tal-leġiżlazzjoni	DK	NL
Kategorija A: joriġina direttament fil-liġi internazzjonali ⁵	28%	43%
Kategorija B: oriġini internazzjonali imma implimentat b'mod nazzjonali	15%	13%
Kategorija C: oriġini nazzjonali	57%	44%

Sors: Kejl bażiku tad-Danimarka u ta' l-Olanda

Tabilħaqq hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri li ġew eżaminati li probabbilment ġew ikkawżati mid-differenzi fil-metodoloġija tal-kejl użata, imma jistgħu wkoll ikunu minħabba d-differenzi settorjali fl-ekonomiji nazzjonali, it-tradizzjonijiet legali differenti u l-kulturi amministrattivi differenti⁶. Minkejja dan, din id-data hija importanti peress li tidentifika fejn joriġinaw l-ispejjeż u, għalhekk, anki fejn jistgħu jiġu introdotti l-miżuri ta' semplifikazzjoni. Jidher ċar li l-mira komuni ta' l-UE li ġiet proposta mill-Kummissjoni se teħtieġ azzjoni kemm fuq il-livell ta' l-UE kif ukoll fuq il-livell nazzjonali. Sforz konġunt biss se jtejjeb b'mod sinifikanti l-ambjent tan-negozju fl-UE.

Il-paragun ta' l-ispejjeż amministrattivi huwa wkoll diffiċli għaliex il-partijiet tal-leġiżlazzjoni jvarjaw minn Stat Membru għall-ieħor. Sabiex tittejjeb il-paragunabbiltà, huwa aktar effiċjenti li wieħed iħares lejn l-Obbligi ta' Informazzjoni (IOs) aktar milli lejn partijiet sħaħ ta' leġiżlazzjoni. B'hekk l-IOs huma s-sisien ta' kwalunkwe programm għat-tnaqqis ta' l-ispejjeż amministrattivi.

⁴ Tqassim simili mhux disponibbli għar-Repubblika Ċeka u r-Renju Unit għadu m'għamlux pubbliku

⁵ Kategorija A tinkludi kemm l-ispejjeż li joriġinaw fil-leġiżlazzjoni tal-KE kif ukoll dawk li joriġinaw fil-leġiżlazzjoni internazzjonali (mhux ta' l-UE)

⁶ "Pilot project on administrative burdens" ("Proġett pilota dwar il-piżijiet amministrattivi"), WIFO-CEPS, Ottubru 2006.

Fid-determinazzjoni ta' l-oriġini regolatorja, huwa essenzjali li wieħed ikun jista' jiddetermina preċiżament jekk il-miżura hiex qed tittrasponi obbligu ffissat fuq livell ogħla; u jekk l-awtorità tat-traspożizzjoni żidietx xi ħaġa ma' dak l-obbligu 'oriġinali' (*gold-plating*). Dan huwa importanti għaliex ir-responsabbiltajiet jeħtieġ li jiġu stabbiliti b'mod ċar minħabba raġunijiet politiċi, imma wkoll minħabba raġunijiet prattiċi. Il-miżuri 'interni' u l-miżuri 'ta' traspożizzjoni' jeħtieġu trattament differenti: meta l-awtorità 'ħolqot'jew żiedet obbligu, hija ħielsa li tnaqqsu jew trażżnu; meta tkun qed tittrasponi obbligu b'mod strett, ġeneralment teħtieġ deċiżjoni kollettiva biex tiproċedi.

Ġeneralment, traspożizzjoni hija sempliċi minħabba r-referenzi inkroċjati jew il-premessi fil-bidu ta' l-att. L-ispejjeż amministrattivi ġejn primarjament minn erba' sorsi: il-liġi internazzjonali, il-liġi tal-KE, il-liġi nazzjonali u l-liġi sotto-nazzjonali (reġjonali). Il-liġi internazzjonali dejjem teħtieġ traspożizzjoni. Sabiex jiddaħħal fis-seħħ trattat internazzjonali, il-firmatarji jridu jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tiegħu jingħataw l-istatus ta' liġi (domestika), jiġifieri jiġu trasposti fl-ordni legali tagħhom. B'kuntrast, parti mil-liġi tal-KE hija direttament applikabbli (ir-'Regolamenti'), parti teħtieġ traspożizzjoni ('id-Direttivi')⁷. Għaldaqstant, uħud mill-miżuri tal-KE u nazzjonali qed jittrasponu obbligi internazzjonali (l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, il-protokoll ta' Kjoto, eċċ.), filwaqt li wħud mill-miżuri nazzjonali u sotto-nazzjonali qed jittrasponu l-liġi tal-KE.

Id-determinazzjoni tal-grad ta' *gold-plating* hija wkoll pjuttost sempliċi meta l-obbligu ffissat minn trattat internazzjonali jew minn att tal-KE jkun ċar, preċiż u bla kondizzjonijiet. L-awtorità tat-traspożizzjoni għandha tinżamm responsabbli biss għal dak li żżid ma' dak l-obbligu. Tista' tkun meħtieġa fehma esperta meta dawn il-kondizzjonijiet ma jiġux sodisfatti.

2. IL-KEJL TA' L-ISPEJJEŻ AMMINISTRATTIVI: L-ESPERJENZI S'ISSA

2.1. Il-kejl nazzjonali u l-Mudell Standard ta' l-Ispejjeż

Huwa importanti li tiġi rikonoxxuta l-ħidma li diġà twettqet mill-Istati Membri li kienu pijunieri fil-kejl u li wieħed jimxi fuq l-esperjenza miksuba għat-tfassil tal-Programm ta' Azzjoni ta' l-UE. L-isforzi biex jitkejlu l-ispejjeż amministrattivi mill-Ministeru tal-Finanzi Olandiż irriżultaw fl-iżvilupp tal-Mudell Standard ta' l-Ispejjeż (SCM). L-SCM kien żviluppat biex jipprovi metodu semplifikat u konsistenti biex jitkejjel u konsegwentement jitnaqqas l-impatt tar-regolamenti dwar in-negozju.

Il-vantaġġ ewleni tal-SCM huwa l-livell għoli ta' dettall li pprova meta kienu qed jitkejlu l-ispejjeż amministrattivi billi, pereżempju, ġew ivvalutati l-attivitajiet individwali. Il-metodoloġija tal-SCM tagħmilha possibbli li tkun prodotta data standardizzata dwar l-ispejjeż tar-riżorsi li ntużaw min-negozji sabiex jikkonformaw mal-liġijiet u ma' l-ordnijiet eżekuttivi speċifiċi. Fil-prattika, l-SCM għandu l-għan li jidentifika l-Obbligi ta' Informazzjoni li jinsabu fir-regolamenti li jeħtieġu li n-negozji jqiegħdu l-informazzjoni għad-dispożizzjon ta' l-awtoritajiet pubbliċi jew ta' partijiet terzi. Huwa possibbli – għalkemm ta' spiss diffiċli – li dawn l-obbligi ta' informazzjoni jiġu sottodiviżi f'dawk li jissejġu 'rekwiżiti ta' data' (DRs).

⁷ Id-distinzjoni bejn Regolamenti u Direttivi madanakollu mhix dejjem bażi affidabbli biex ikun iddeterminat min huwa responsabbli għal-livell ta' obbligi amministrattivi. Tabilħaqq, uħud mid-Direttivi jiffissaw obbligi ta' informazzjoni ċari, preċiżi u mingħajr kondizzjonijiet. L-Istati Membri m'għandhomx wiśa' *de facto* biex jiddeċiedu kif se jittrasponu. Bil-maqlub, uħud mir-Regolamenti jiffissaw biss obbligi ġenerali jew iħallu li l-Istati Membri jiffissaw limiti nazzjonali.

Biex ikunu sodisfatti l-obbligi ta' informazzjoni meħtieġa – jew aħjar, biex tkun prodotta l-informazzjoni mitluba – in-negozji affetwati normalment ikollhom iwettqu attivitajiet amministrattivi addizzjonali. L-ispejjeż ta' dawn l-attivitajiet addizzjonali jistgħu jinqalgħu minħabba l-użu intern tal-ħin ta' l-impjegati jew mill-konsum estern tar-riżorsi (eż., ħlasijiet għal esperti esterni, spejjeż ta' għoti ta' xogħol barra mill-kumpanija). Fl-Olanda, din il-metodoloġija intużat biex fl-2003 jitwettag kejl bażiku sħiħ.

L-użu tal-metodoloġija tal-Mudell Standard ta' l-Ispejjeż (SCM) bdiet tintuża minn diversi pajjiżi u rriżultat ukoll fl-iżvilupp ta' netwerk ta' membri (pajjiżi) li jew biħsiebhom jużawha biex ikejlu l-ispejjeż amministrattivi tagħhom jew biex jagħmluha ta' osservaturi. Sbatax⁸ mill-ħamsa u għoxrin pajjiż ta' l-UE bħalissa huma parti min-netwerk u erbgħa (ir-Renju Unit, l-Olanda, ir-Repubblika Ċeka u d-Danimarka) ikkompletaw kejl sħiħ tal-ġabra ta' leġiżlazzjoni tagħhom u setgħu jidentifikaw l-orijini (nazzjonali jew internazzjonali) tar-rekwiżiti legali ta' informazzjoni tagħhom. Għadd minnhom iffissaw miri ta' tnaqqis ambizzjużi. L-Awstrija u l-Ġermanja dan l-aħħar taw bidu għal proċess simili. F'membri oħra tan-netwerk tal-SCM li għadhom ma involvewx irwieħhom f'kejl bażiku sħiħ, l-użu tal-metodoloġija kkawża diversi inizjattivi f'oqsma tal-politika differenti. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li filwaqt li l-metodu bażiku huwa ferm simili fl-Istati Membri kkonċernati, madankollu hemm differenzi sinifikanti fl-applikazzjon preċiżi tal-SCM bejn l-Istati Membri li jagħmel il-paraguni diffiċli.

2.2. Il-mudell ta' l-UE

Fit-23 ta' Marzu 2005, il-Kunsill Ewropew talab li “l-Kummissjoni u l-Kunsill biex jikkunsidraw metodoloġija komuni għall-kejl tal-piżijiet amministrattivi bl-għan li jintlaħaq ftehim sa l-aħħar ta' l-2005”. Fis-16 ta' Marzu 2005, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar għat-Tkabbir u għall-Impjiegi fl-Unjoni Ewropa kienet tinkludi, bħala Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff ta' akkumpanjament, deskrizzjoni qasira imma dettaljata ta' “Mudell Nett ta' l-Ispejjeż Amministrattivi ta' l-UE” ibbażat fuq l-SCM⁹.

B'mod partikolari, fid-Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff, il-Kummissjoni vvalutat il-merti li jiġi żviluppat metodu komuni għall-kejl ta' l-ispejjeż amministrattivi biex jisewwew id-differenzi fil-mod kif qed jiġi applikat l-SCM. Il-benefiċċji mistennija ta' metodu komuni ta' din ix-xorta huma:

- jiġu ċċarati d-differenzi possibbli fil-proċeduri li ġew adottati fuq livell ta' UE u ta' Stat Membru;
- paragon bejn il-pajjiżi jew bejn l-oqsma tal-politika, iffissar ta' livelli ta' referenza u żvilupp ta' l-aħjar prattiki aktar faċli;

⁸ L-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Lussemburgu, l-Olanda, il-Polonja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

⁹ Il-Kummissjoni Ewropea, Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff, Annex to the 2005 Communication on Better Regulation for Growth and Jobs in the European Union, Minimizing Administrative Costs Imposed by Legislation, Detailed Outline of a Possible EU Net Administrative Cost Model (Annex għall-Komunikazzjoni ta' l-2005 dwar Regolamentazzjoni Aħjar għat-Tkabbir u għall-Impjiegi fl-Unjoni Ewropea, Jiġu Minimizzati l-Ispejjeż Imposti b'Leġiżlazzjoni, Deskrizzjoni Qasira Imma Dettaljata ta' Mudell Nett Possibbli ta' l-Ispejjeż Amministrattivi ta' l-UE), SEC(2005) 175, is-16 ta' Marzu 2005.

- ekonomiji ta' skala f' termini ta' ġbir u validazzjoni ta' data.

Id-deskrizzjoni qasira ta' Mudell Nett ta' l-Ispejjeż Amministrattivi ta' l-UE imbagħad kienet emendata u rfinuta permezz ta' fażi pilota li twettqet minn April sa Settembru 2005. Il-fażi pilota kellha l-għan li tittestja l-modi kif jiġu vvalutati l-ispejjeż amministrattivi li ġew imposti b'leġislazzjoni tal-KE, u wasslet lill-Kummissjoni biex tippreżenta metodoloġija riveduta, li tissejjaħ ukoll l-“SCM ta' l-UE”¹⁰. Il-Kummissjoni elenkat numru ta' titjib possibbli lill-SCM ta' l-UE, filwaqt li għamlitha ċara li ottimizzazzjoni ta' din ix-xorta ma kinitx prerekwiżit għall-applikazzjoni tagħha. Fil-15 ta' Marzu 2006¹¹, fil-linji ta' gwida għall-Valutazzjoni ta' l-Impatt, kien inkluż manwal operattiv biex ikun applikat il-mudell u ġie tradott fl-ilsna uffiċjali kollha ta' l-UE biex tkun iffaċilitata l-konverġenza metodoloġika. L-SCM ta' l-UE kien applikat f' numru ta' Valutazzjonijiet ta' l-Impatt li ġew ippublikati jew li dalwaqt ikunu¹².

2.3. Paragun bejn iż-żewġ mudelli

Il-parti l-kbira tal-karatteristiċi metodoloġiċi importanti li ġew proposti mill-Kummissjoni, jippreżentaw xebh kbir mal-prototip tal-SCM li kien żviluppat oriġinarjament fl-Olanda¹³. Pereżempju, il-Kummissjoni qed tipproponi li jintużaw l-istess ekwazzjoni ċentrali, l-istess parametri rilevanti għall-ispejjeż (eż. tariffi interni/esterni, l-ispiża tat-tagħmir u tal-fornimenti) u l-istess formuli biex tkun espressa l-frekwenza ta' l-attivitajiet amministrattivi, u l-istess metodu fil-valutazzjoni tar-rendiment ta' 'entità normalment effiċjenti'¹⁴.

Madanakollu, il-metodoloġija komuni ta' l-UE turi wkoll numru ta' punti speċifiċi li bħalissa huma komuni biss għal uħud mill-varjanti nazzjonali tal-SCM. Dawn id-differenzi jinsabu fl-ambitu ta' dawk li huma fil-mira ta' l-IOs (inklużi ċ-ċittadini u s-settur tal-volontarjat)¹⁵, f'jekk l-informazzjoni provduta lil partijiet privati għandiex tkun inkluża¹⁶ jew jekk jiġu vvalutati l-ispejjeż sostanzjali ta' darba, u kif jiġi f'fissat limitu ta' esklużjoni għall-IOs¹⁷.

¹⁰ Ara d-Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff, *Developing an EU common methodology for assessing administrative costs imposed by EU legislation - Report on the Pilot Phase (L-iżvilupp ta' metodoloġija komuni ta' l-UE biex jiġu evalwati l-ispejjeż amministrattivi imposti b'leġislazzjoni ta' l-UE – Rapport dwar il-Fażi Pilota)* (April – Settembru 2005), SEC(2005) 1329, anness mal-Komunikazzjoni dwar “Metodoloġija komuni ta' l-UE biex jiġu evalwati l-ispejjeż amministrattivi imposti b'leġislazzjoni” COM(2005) 518, il-21 ta' Ottubru 2005.

¹¹ Ara http://ec.europa.eu/governance/impact/docs_en.htm.

¹² Ara, pereżempju, Impact on postal services (L-impatt fuq is-servizzi postali), SEC(2006) 1292 li jakkumpanja COM(2006) 594.

¹³ Analiżi metodoloġika kompluta tista' tinstab fi “Pilot project on administrative burdens” (“Proġett pilota dwar il-piżijiet amministrattivi) tal-Kummissjoni, WIFO-CEPS, Ottubru 2006

¹⁴ Il-manwal operattiv, *passim*.

¹⁵ L-SCM ta' l-UE għandu l-għan li jivvaluta l-ispejjeż imposti b'leġislazzjoni fuq l-intrapriżi, is-settur tal-volontarjat, l-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll iċ-ċittadini. Il-metodoloġija komuni ta' l-UE hija simili għall-verżjoni korrenti tal-SCM Daniż f'dan l-aspett, imma tidher usa' fl-ambitu mill-kejl li twettaq fid-Danimarka jew fir-Renju Unit.

¹⁶ Il-metodoloġija komuni ta' l-UE tinkludi mhux biss obbligi ta' informazzjon fil-konfront ta' l-amministrazzjonijiet pubbliċi (eż. rekwiżiti ta' kontabilità) imma wkoll obbligi ta' informazzjoni fil-konfort ta' partijiet privati, bħall-konsumaturi (eż. l-ittikkettar). Din il-karatteristika hija inkluża fil-kejl Olandiż u Daniż.

¹⁷ F'konformità mal-prinċipju ta' analiżi proporzjonata, il-metodoloġija ta' l-UE tagħti importanza partikolari lid-definizzjoni tal-limiti l-aktar xierqa li għandhom jintużaw sabiex ikunu identifikati l-obbligi ta' informazzjoni li għandhom ikunu esklużi mill-analiżi. Il-konsultazzjoni li saret ma' wħud mill-Istati Membri enfasizzat li l-unika għażla possibbli għandha tkun li jiġu f'fissati limiti li ġew espressi f' numru ta' sigħat, skond il-varjant tal-SCM Daniż.

Sabiex ikunu ffaċilitati t-tiswir f'kodiċi u s-sejbien ta' l-informazzjoni, l-SCM ta' l-UE jipprovdi tipoloġiji ta' obbligi ta' informazzjoni u ta' azzjonijiet meħtieġa¹⁸. Forsi aktar importanti minn hekk, id-dokument tar-rapport tiegħu jippermetti li l-miżuri ta' traspożizzjoni jkunu konnessi ma' l-att oriġinali tagħhom¹⁹ u tiġġustifika l-*gold-plating*²⁰. Fl-aħħarnett, l-SCM ta' l-UE meta jiġi applikat għal valutazzjoni ta' l-impatt (*ex ante*) isegwi metodu ta' "spejjeż netti", fejn l-ispejjeż netti huma l-ispejjeż introdotti mill-miżura proposta mingħajr dawk li ġew eliminati mill-miżura fuq livell ta' UE u/jew fuq livell nazzjonali. Din il-karatteristika ta' l-aħħar, li tfasslet għal analiżi *ex ante* mhix, bħala tali, adattata għall-kejl ta' l-ispejjeż ta' leġiżlazzjoni eżistenti.

3. L-IŻVILUPP TA' KEJL MA' L-UE KOLLHA TA' L-ISPEJJEŻ AMMINISTRATTIVI

3.1. L-identifikazzjoni ta' l-Obbligu ta' Informazzjoni (IO)

Sejba ewlenija tal-proġett pilota hija li l-identifikazzjoni ta' IOs speċifiċi trid tikkostitwixxi l-bażi tal-programm ta' kejl. Anki jekk in-numru ta' IOs huwa magħruf li jvarja konsiderevolment minn Stat Membru għall-ieħor²¹, huwa aktar faċli li jiġu pparagunati l-IOs milli partijiet sħaħ tal-leġiżlazzjoni li jvarjaw minn Stat Membru għall-ieħor. Dan jimplika klassifikazzjoni ċara ta' IOs ta' din ix-xorta fl-atti bażiċi u fir-regoli ta' implimentazzjoni sussegwenti, kemm fuq il-livell ta' l-UE kif ukoll fuq dak nazzjonali. Dan huwa kritiku għall-kejl kwantitattiv, għall-iffissar ta' miri xierqa għat-tnaqqis (il-linja bażi globali, skond l-oqsma tal-politika, skond l-Istati Membri, skond l-awtoritajiet nazzjonali/reġjonali) u għall-assenjazzjoni tar-responsabbiltajiet, bħal min għandu jieħu passi sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż.

It-twertiq ta' kejl ma' l-UE kollha jinkludi diversi sfidi metodoloġiċi. L-ewwelnett, l-użu tal-metodoloġija jeħtieġ immappjar preċiż ta' l-IOs ewlenija kollha li huma legalment meħtieġ mill-att leġiżlattiv. It-tieni, huwa evidenti li biex ikun hemm kejl ma' l-UE kollha se jkunu meħtieġa ċertu armonizzazzjoni u ċerta attribuzzjoni li l-IOs tagħhom se jkunu mkejla.

3.2. Ir-rekwiżiti minimi ta' armonizzazzjoni

Hekk kif l-Istati Membri li diġà kkompletaw il-kejl bażiku tagħhom adottaw varjanti xi ftit differenti mill-SCM Daniż oriġinali, huwa diffiċli li jsiru paraguni bejn il-pajjiżi tad-data eżistenti, b'mod partikolari meta wieħed jipprova jaggrega r-riżultati u jiddetermina l-orijini ta' l-IOs.

Għall-programm ippjanat tal-kejl ta' l-UE, se jkun meħtieġ ċertu livell minimu ta' armonizzazzjoni biex ikun hemm lok għall-validazzjoni u għall-paragun tad-data, biex ikunu prodotti r-riżultati siewja fuq il-livell ta' l-UE u biex ikunu stabbiliti miri ta' tnaqqis *ad hoc*.

Ir-riżultati tal-programm pilota jissuġġerixxu li se jkun meħtieġ li l-parametri li ġejjin jiġu armonizzati:

¹⁸ Il-varjanti nazzjonali tal-SCMs jipprovdu listi eżemplari.

¹⁹ Jekk l-att ivvalutat huwa t-traspożizzjoni ta' att li ġie adottat fuq livell ieħor, id-dokument tar-rapport jipprovdi l-artikolu u § ta' l-att 'oriġinali' fejn jiġi ddefinit kull obbligu ta' informazzjoni.

²⁰ Il-perċentwali miktuba fil-kolonna internazzjonali, ta' l-UE, dawk nazzjonali u dawk sotto-nazzjonali jindikaw jekk it-traspożizzjoni ssegwix strettament l-obbligu oriġinali, u jekk le, kemm qed iżżid spejjeż it-traspożizzjoni.

²¹ Ir-Renju Unit immappja kważi 20,000 obbligu kontra l-1,100 fid-Danimarka u t-3,000 fl-Olanda.

- il-klassifikazzjoni ta' l-IOs skond l-oriġini;
- il-proporzjonijiet standardizzati ta' l-ispejjeż (spejjeż ġenerali);
- it-tip ta' attivitajiet amministrattivi kkonċernati u l-popolazzjonijiet (segmentazzjoni tan-numru ta' setturi-ditti) affetwati;
- id-definizzjoni ta' "negozju effiċjenti";
- l-entitajiet ikkonċernati (eż. familji, negozji, amministrazzjonijiet, eċċ.).

Jeħtieġ li jkun hemm fehim minn qabel bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar kwistjonijiet metodoloġiċi ta' din ix-xorta. F'dan l-istadju qed jitqiesu diversi possibbiltajiet għal kull waħda minn dawn il-varjabbli, imma donnu jkun aktar xieraq jekk l-eżerċizzju jkun ibbażat fuq id-definizzjonijiet tal-parametri provduti fl-SCM ta' l-UE. Madanakollu, qed jiġi propost, għall-finijiet ta' l-ewwel eżerċizzju ta' kejl, li l-ambitu jkun limitat għan-negozji²², skond l-istrateġija għat-Tkabbir u għall-Impjieg, peress li għad hemm numru ta' kwistjonijiet mhux solvuti li huma relatati ma' l-evalwazzjoni ta' l-ispejjeż imposti fuq gruppi oħra.

3.3. Proposta għall-ambitu ta' l-eżerċizzju tal-kejl

Meta titqies l-importanza tal-leġiżlazzjoni Ewropea u dik nazzjonali biex ikunu ġġenerati l-ispejjeż amministrattivi u l-konnessjonijiet bejniethom it-tnejn, jidher ċar li l-kejl għandu jkopri ż-żewġ livelli. Barra minn hekk, meta titqies l-iskala ta' l-operazzjoni, jidher ċar li kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri jeħtieġ li jikkontribwixxu għall-programm. Fil-prattika, hemm tliet possibbiltajiet differenti fejn għandu x'jaqsam l-ambitu ta' l-eżerċizzju ta' kejl ta' l-UE. Il-programm jista' jkollu l-għan li jidentifika l-IOs u jkejje l-ispejjeż amministrattivi ta'²³

- ir-regolamenti u d-direttivi tal-KE (inklużi l-IOs li joriġinaw mil-liġi internazzjonali)
- ir-regolamenti tal-KE, id-direttivi tal-KE u l-miżuri implimentattivi nazzjonali li jintużaw biex ikunu trasposti d-direttivi
- l-ispejjeż tar-rekwiżiti ta' informazzjoni li joriġinaw mis-sorsi kollha tal-leġiżlazzjoni.

²² Dan ma jipprevjenix l-inizjattivi tal-Kummissjoni li għandhom l-għan li jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi għaċ-ċittadini, għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u/jew għas-settur tal-volontorjat.

²³ Għal aktar dettalji tekniċi ara Il-Kummissjoni Ewropea, Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff, Annex to the 2005 Communication on Better Regulation for Growth and Jobs in the European Union, Minimizing Administrative Costs Imposed by Legislation, Detailed Outline of a Possible EU Net Administrative Cost Model (Anness għall-Komunikazzjoni ta' l-2005 dwar Regolamentazzjoni Aħjar għat-Tkabbir u għall-Impjieg fl-Unjoni Ewropea, Jiġu Minimizzati l-Ispejjeż Imposti b'Leġiżlazzjoni, Deskrizzjoni Qasira Imma Dettaljata ta' Mudell Nett Possibbli ta' l-Ispejjeż Amministrattivi ta' l-UE), SEC(2005) 175, is-16 ta' Marzu 2005

Fid-dawl tad-data disponibbli għall-pajjiżi li kejl l-ispejjeż, l-aħħar għażla donnha tidher l-aktar waħda xierqa. Għal raġunijiet prattiċi, madanakollu, qed jiġi propost li fi ħdan dan il-programm, il-kejl tar-regolamenti u tad-direttivi tal-KE u tal-miżuri implimentattivi nazzjonali tagħhom biss għandu jitwettaq permezz tal-proġett tal-kejl ikkoordinat mill-Kummissjoni. Sadanittant, l-Istati Membri għandhom ikejl r-reqwiziti ta' informazzjoni li joriġinaw fil-leġislazzjoni nazzjonali biss. Dan għandu jiżgura użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli.

Il-proġett pilota wera wkoll li l-ispejjeż huma dipendenti bil-kbir fuq numru limitat ta' obbligi ta' informazzjoni. Skond il-proġett pilota, jidher li hemm konċentrazzjoni rilevanti ta' spejjeż f'numru limitat ta' oqsma ta' politika. Id-data tar-Renju Unit, li se tkun ippubblikata dalwaqt mill-Gvern tar-Renju Unit, tissuġġerixxi konċentrazzjoni partikolarment għolja. Dan ifisser li ta' min, għall-inqas fl-ewwel eżerċizzju ta' kejl ma' l-UE kollha, jagħti prijorità lil u jqi daww l-oqsma għall-kejl li, minn eżerċizzji nazzjonali ta' kejl korrenti u fuq il-bażi ta' informazzjoni oħra, jidher li huma l-aktar ta' piż. L-eżerċizzji nazzjonali ta' kejl u informazzjoni oħra jiġbdu l-attenzjoni fuq l-oqsma li ġejjin bħala prijoritàjiet possibbli. Il-lista tagħti d-data rilevanti mill-Olanda (NL), mid-Danimarka (DK) u mir-Repubblika Ċeka (CZ), imma tirrifletti wkoll id-data tar-Renju Unit (UK) li tqiegħdet għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni għall-pilotaġġ u se tkun ippubblikata dalwaqt mill-Gvern tar-Renju Unit (ara l-Anness 2).

It-tabelli fl-Annessi 3 u 4 huma r-risultati tal-proġett pilota iqs id-data minn pajjiż għall-ieħor u jissuġġerixxu oqsma prijoritarji biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi. Il-Kummissjoni se tiddefinixxi l-oqsma prijoritarji tagħha fil-Programm ta' Azzjoni li se jkun ippubblikat f'Jannar 2007.

Jidher ċar li l-kejl bażiku għandu jitwettaq f'kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. B'hekk, qed jiġi propost li l-Kummissjoni timmappja l-Obbligi ta' Informazzjoni (IOs) miktuba fil-leġislazzjoni tal-KE. Dan l-immappjar se jkun validat sussegwentement.

3.4. Il-kwistjonijiet organizzattivi

Il-Kummissjoni tixtieq tmexxi 'l quddiem il-metodu li ssemma aktar 'il fuq permezz ta' sħubija ma' l-Istati Membri, appoġġjata minn kuntratt għas-servizzi li se jingħata permezz ta' sejħa għall-offerti li se titnieda f'Jannar 2007. Ir-risultati li ġejjin minn inizjattivi oħra, f'dan il-qasam, li twettqu mis-servizzi tal-Kummissjoni se jikkontribwixxu għal din il-ħidma. Pereżempju, il-Kummissjoni biħsiebha tniedi numru ta' studji dwar il-kejl tal-piżijiet amministrattivi f'setturi speċifiċi. Pereżempju, fejn għandu x'jaqsam ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1782/2003, f'Diċembru 2006 se jitnieda studju dwar il-kejl tal-piżijiet amministrattivi għall-bdiewa li jirriżulta mir-riforma tal-CAP ta' l-2003.

Is-servizzi li ngħataw barra essenzjalment se jikkonsistu fl-istabbiliment u fil-ġestjoni ta' tim internazzjonali ta' esperti li se jwettaq il-ħidma meħtieġa għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri għal perjodu massimu ta' mhux aktar minn tliet snin.

Il-kompiti essenzjali tal-kuntrattur jistgħu jkunu:

- li jgħin lill-Kummissjoni u lir-rappreżentanti maħtura tal-gvernijiet nazzjonali biex, f'oqsma prijoritarji, ikunu stabbiliti linji bażi għal eżerċizzju komprensiv ta' kejl ta' spejjeż amministrattivi li ġejjin minn leġislazzjoni nazzjonali u Komunitarja fuq il-bażi tal-prinċipji li ġew stabbiliti aktar 'il fuq (li se jkunu ddefiniti aktar fil-Programm ta' Azzjoni),
- li jgħin lill-Kummissjoni biex tiżviluppa serje ta' programmi għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi permezz ta' proposti għal azzjoni u miri fuq il-livelli nazzjonali u Komunitarji fuq il-bażi ta' l-aħjar prattiki u tal-prinċipji komuni (ara l-Kapitolu IV).

Sabiex il-Kummissjoni tkun mgħejjuna bil-monitoraġġ ta' l-attivitajiet tal-kuntrattur, bil-kontroll tal-ħidma li tkun għaddejja, bid-definizzjoni tal-prijoritajiet u bl-approvazzjoni tar-rapporti regolari tal-kuntrattur, jista' jkun stabbilit Grupp ta' Ħidma u jkun magħmul minn rappreżentanti tas-servizzi tal-Kummissjoni u ta' Membri tal-Grupp ta' Livell Għoli ta' esperti regolatorji nazzjonali.

Il-ħidma mhix se tkopri l-leġislazzjoni nazzjonali li għandha titkejjel individwalment mill-Istati Membri u li tista' tkopri oqsma prijoritarji differenti skond kif ikun xieraq għar-realtajiet nazzjonali.

Huwa wkoll previst li jkun hemm skambju ta' fehmiet fuq bażi regolari man-netwerk tal-SCM eżistenti u li jintlaqgħu l-fehmiet tagħhom dwar kwistjonijiet metodoloġiċi li jistgħu jinqalgħu. Barra minn hekk, ir-riċerka wriet li l-piżijiet amministrattivi li ġejjin mill-applikazzjoni tal-leġislazzjoni jistgħu jvarjaw konsiderevolment bejn l-Istati Membri. It-tagħlim minn eżempji li rnexxew huwa mod wieħed kif jitnaqqsu dawn il-piżijiet u l-Kummissjoni se taħdem ma' l-Istati Membri biex tidentifika u xxerred il-prattiki tajba f'dan il-qasam.

4. IL-MIRI BIEX JITNAQQSU L-PIŻIJET AMMINISTRATTIVI

Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fl-UE, huwa meħtieġ impenn politiku fuq il-livelli kollha. Jekk jintlaħaq ftehim dwar miri komuni ta' tnaqqis ikun żgurat momentum politiku u jagħmel lill-atturi kollha responsabbli mit-tnaqqis tal-piżijiet taħt il-kontroll tagħhom. Bil-miri, isir aktar faċli li jiġi mmonitorjat il-proċess kollu ta' tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi. Billi jiġu eżaminati l-azzjonijiet li ttieħdu mill-erba' Stati Membri li diġà taw bidu għall-kejl ta' l-ispejjeż amministrattivi u għall-programmi ta' tnaqqis, wieħed jista' jitgħallem mill-esperjenzi li ġejjin biex tkun żviluppata strateġija ta' l-UE.

4.1. L-iffissar tal-miri f'erba' Stati Membri

L-erba' pajjiż li diġà bdew (jew ikkompletaw) il-fażi tal-kejl u jaġixxu fuq il-bażi ta' dan il-kejl għandhom metodi simili fl-istrategġiji għall-iffissar tal-miri tagħhom: L-ewwelnett, il-pajjiżi kollha ffissaw mira 'politika' ġenerali qabel ma ħadu r-riżultati (UK) jew saħansitra qabel ma bdew il-fażi tal-kejl (NL, DK, CZ). L-Olanda u d-Danimarka iffissaw rata ta' tnaqqis ta' 25 % tal-kejl bażiku (f'perjodu ta' żmien ta' 5 snin), filwaqt li r-Repubblika Ċeka iffissat mira ta' 20 %²⁴. Dawn id-differenzi, madanakollu, ma jittqiesx li għandhom sinifikat kbir ħafna. Dawn il-miri ġenerali kienu ffissati biex l-eżerċizzju u l-livell ġenerali ta' ambizzjoni jkunu ankrati. Filwaqt li l-miri bilfors ikunu xi ftit jew wisq immaturi u mhuma bbażati fuq l-ebda analiżi speċifika, ħadmu ferm tajjeb biex jipprovdu qafas u jiġġeneraw il-momentum meħtieġ biex l-eżerċizzju jitmexxa 'l quddiem. It-tieni, fl-Olanda kienu ffissati miri settorjali speċifiċi (skond il-ministeri/id-dipartimenti) u dawn qed jiġu ffissati fir-Renju Unit wara li kienet ikkompletata l-fażi tal-kejl. Din il-possibbiltà qed titqies ukoll mir-Repubblika Ċeka. Fl-aħħarnett, għal tliet Stati Membri, il-miri ta' tnaqqis li ġew iffissati huma netti, fis-sens li l-piżijiet amministrattivi l-ġodda li ġew imposti fuq in-negozji fil-perjodu tat-tnaqqis meqjus ġew inklużi fl-ammont totali li għandu jitnaqqas.

4.2. L-esperjenzi biex ikunu żviluppati l-miri ta' l-UE

Kif ġie stabbilit fir-Reviżjoni Strateġika u kif intwera aktar 'il fuq, huma biss il-miri komuni għal-livell Komunitarja u għall-Istati Membri li jistgħu jiġġeneraw riżultati sinifikanti. Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni pproponiet li għandha tkun iffissata mira komuni għat-tnaqqis għall-piżijiet amministrattivi kollha fl-UE. L-iffissar tal-miri għandu jinkludi tliet elementi.

L-ewwelnett, l-esperjenza ta' l-Istati Membri li ġiet eżaminata aktar 'il fuq tissuġġerixxi li għandha tkun iffissata mira ġenerali fi stadju bikri flimkien mat-tnedija ta' eżerċizzju ta' kejl ibbażat fuq metodoloġija miftiehma. Il-Kummissjoni tqis li l-Kunsill Ewropew għandu jiffissa din il-mira fir-Rebberġ ta' l-2007. Qed jiġi propost li għandha tammonta għal tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi ta' 25% fl-UE kollha. Għal dawk il-partijiet tal-kejl li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni, se tkun diretta azzjoni lejn il-piżijiet li joriġinaw fl-oqsma prijoritarji li għandhom jiġu proposti fil-Programm ta' Azzjoni²⁵. Huwa mistenni li l-mira ta' 25% tintlaħaq fi ħdan 5 snin. Għal finijiet ta' monitoraġġ, tista' tkun proposta mira intermedja ta' 3 snin. Dan il-perjodu ta' żmien huwa ambizzjuż meta jittqies li qatt qabel ma sar eżerċizzju ta' kejl fuq din l-iskala u se jieħu ammont konsiderevoli ta' żmien – bħalissa kkalkulat għal mill-inqas sena u nofs. Malli jkun ikkompletat, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtieġ li jfasslu proposti, akkumpanjati minn Valutazzjoni ta' l-Impatt. Fl-aħħarnett, il-bidliet meħtieġa fuq livell Komunitarju, sa ċertu punt, jeħtieġ li jkunu deċiżi permezz tal-proċess Interistituzzjonali. Dan il-perjodu ta' żmien, għalhekk, se jeħtieġ impenji qawwija min-naħa ta' l-Istituzzjonijiet u ta' l-Istati Membri ta' l-UE.

²⁴ Ir-Repubblika Ċeka ħalliet miftuħa l-possibbiltà li taġġusta l-mira tagħha wara li tikkompleta l-eżerċizzju ta' kejl.

²⁵ Proċessi ta' reviżjoni pplanati u li għaddejjin bħalissa, inkluża l-eżami tal-ħlas tar-razzett uniku, se jingħaddu b'mod espliċitu għall-mira ta' 25%.

It-tieni, se jkunu ffissati miri parzjali aktar speċifiċi, skond l-oqsma tal-politika, skond ir-riżultati tal-kejl bażiku (jiġifieri r-raba' tliet xhur ta' l-2008): jistgħu jkunu previsti miri għal tnaqqis akbar f'oqsma tal-politika fejn il-piżijiet amministrattivi huma partikolarment kbar u l-ambitu għat-tnaqqis huwa sinifikanti.

It-tielet, minbarra l-miri ġenerali u dawk parzjali, qed jiġi propost li l-ħidma tinbeda diġà fl-ewwel nofs tas-sena d-dieħla fuq numru limitat ta' proposti għal tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi li huwa probabbli li jiġġeneraw benefiċċji sinifikanti permezz ta' bidliet żgħar fil-leġiżlazzjoni sottostanti. Ħsad mgħaġġel ta' dan il-“frott fil-baxx” għandu jkun evidenza tanġibbli ta' l-impenn ta' l-Istituzzjonijiet Ewropej għal din l-aġenda u għandu jippermetti li jinkisbu riżultati sinifikanti fi stadju bikri. Qed jiġi propost li dan il-frott fil-baxx ikun identifikat fil-Programm ta' Azzjoni kmieni fl-2007 wara konsultazzjoni dwar dan id-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, filwaqt li jitqiesu l-proċessi ppjanati u dawk li għaddejjin bħalissa biex tkun riveduta l-politika²⁶.

Għandu jkun hemm ftehim dwar il-miri min-naħa tal-Kunsill Ewropew u tal-Parlament Ewropew sabiex ikun żgurat impenn qawwi u wiesa' għal din l-aġenda. Meta titqies in-natura tal-proposti għal semplifikazzjoni fuq il-livell ta' l-UE, qed jiġi ssuġġerit li l-proposti għal tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi għandhom jingħataw trattament prijoritarju fit-teħid ta' deċiżjonijiet interistituzzjonali, preferibbilment permezz ta' proċedura mgħaġġla²⁷.

Fl-aħħarnett, l-impenn min-naħa ta' l-Istati Membri se jkun kruċjali ladarba sehem konsiderevoli fl-ispejjeż joriġina direttament minn leġiżlazzjoni nazzjonali u reġjonali, u jekk il-mira ġenerali se tintlaħaq, se jkollhom jiddeċiedu dwar it-tnaqqis ta' dawn l-ispejjeż.

L-evidenza mill-erba' Stati Membri li wettqu kejl bażiku sħiħ, li jkopri kemm l-ispejjeż li joriġinaw fuq livell Komunitarju kif ukoll dawk fuq livell ta' l-Istat Membru, tissuġġerixxi li mira għal tnaqqis ta' 25% tista' tintlaħaq billi jiġu ssemplifikati r-rekwiżiti ta' informazzjoni fuq iż-żewġ livelli. Dan huwa korroborat ukoll mill-eżerċizzji ta' kejl aktar parzjali li twettqu minn parti akbar ta' l-Istati Membri f'setturi individwali, kif ġie eżaminat fl-Anness 1. Dawn ir-riżultati empiriċi juru l-eżistenza ta' piżijiet amministrattivi sinifikanti li jistgħu jitnaqqsu billi wieħed jistrieħ fuq numru ta' metodi għat-tnaqqis ta' l-ispejjeż li ġew stabbiliti fil-Kapitolu 5 mingħajr ma jkunu affetwati l-għanijiet tal-leġiżlazzjoni sottostanti. Għalhekk, il-Kummissjoni hija kunfidenti li programm konġunt ma' l-Istati Membri tul perjodu ta' ħames snin se jippermetti li l-mira tintlaħaq. Jidher biċ-ċar ukoll li l-ħila li tintlaħaq din il-mira se tiddependi fuq l-impenn min-naħa ta' l-Istituzzjonijiet u ta' l-Istati Membri kollha ta' l-UE.

²⁶ Reviżjoni biex ikun ikkontrollat kemm għadu applikabbli r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1782/2003 hija pprogrammata għal kmieni fl-2008 li se tinkludi wkoll proposti biex tkun issemplifikata l-iskema u b'hekk jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi tagħha.

²⁷ Interinstitutional agreement on Better Regulation (Il-ftehim interistituzzjonali dwar Regolamentazzjoni Aħjar), Diċembru 2003 (2003/C 321/01)

5. IL-PRINĊIPJI KOMUNI BIEX JITNAQQSU L-PIŻIJET AMMINISTRATTIVI

Il-kejl ta' l-ispejjeż amministrattivi fl-UE minnu nnfis mhux għan. L-għan huwa li titnaqqas il-burokrazija għan-negozji fl-Ewropa. Ir-riżultati tal-proġett pilota jindikaw li l-ispejjeż huma kkonċentri b'mod qawwi f'oqsma prijoritarji. Qed jiġi propost li l-kejl tal-Kummissjoni jiffoka wkoll fuq oqsma prijoritarji u, fejn ikun possibbli, jidentifika l-“frott fil-baxx” li huwa relatat ma' dawn l-oqsma prijoritarji. Rigward il-kwistjoni ta' kif jitnaqqsu dawn il-piżijiet, il-prinċipji li ġejjin, jekk ikun hemm ftehim dwarhom, jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti biex jiggwidaw il-proċess għat-tnaqqis tal-piżijiet:

- Titnaqqas il-frekwenza tar-rekwiżiti ta' rappurtaġġ għal-livelli minimi meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-għanijiet sottostanti tal-leġiżlazzjoni (eż. għad hemm ħafna regolamenti finanzjarji li jeħtieġu rappurtaġġ ta' kull xahar; possibbilment tista' tkun prevista tnaqqis fil-frekwenza);
- Ikun eżaminat jekk l-istess obbligu ta' informazzjoni hux mitlub diversi drabi permezz ta' mezzi differenti u jiġi eliminat it-trikkib (eż. bħalissa huma meħtieġa numru ta' obbligi ta' informazzjoni ambjentali minn aktar minn parti waħda ta' leġiżlazzjoni);
- Jinħtieġ rappurtaġġ elettroniku u bbażat fuq il-web fejn bħalissa huwa meħtieġ għbir ta' informazzjoni bbażat fuq il-karta, billi fejn ikun possibbli jintużaw portali intelliġenti (l-esperjenzi fl-Istati Membri juru li l-portali intelliġenti li jkopru firxa ta' rekwiżiti ta' informazzjoni jistgħu jiġġeneraw iffirankar sinifikanti; fin-Norveġja, il-portal “Antinn” ikopri kważi l-obbligi ta' informazzjoni kollha dwar in-negozji li ġew imposti mill-gvern ċentrali²⁸);
- Jiġu introdotti limiti għar-rekwiżiti ta' informazzjoni, li kulfejn ikun possibbli jiġu limitati għall-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju, jew jistrieħu fuq it-teħid ta' kampjuni (huwa magħruf sew li l-SMEs ibatu partikolarment bil-kbir mill-ispejjeż amministrattivi – il-għbir tad-data għal finijiet ta' informazzjoni għandu jkollu dan kollu);
- Titqies is-sostituzzjoni tar-rekwiżiti ta' informazzjoni dwar in-negozji kollha f'settur b'metodu bbażat fuq ir-riskju – ir-rekwiżiti ta' informazzjoni jkunu mmirati għal dawk l-operaturi li għandhom l-ogħla riskju (l-esperjenza ta' l-infurzar tal-leġiżlazzjoni fir-Renju Unit f'numru ta' oqsma turi li dan jista' jnaqqas l-ispejjeż b'mod sinifikanti mingħajr ma tkun kompromessa l-leġiżlazzjoni);

²⁸

Sottomissjoni elettronika:

Ir-rapport dwar ir-reġistru ta' l-azzjonisti: 62 fil-mija fl-2005, 36 fil-mija fl-2004.

L-irċevuti tal-VAT: 46 fil-mija matul l-ewwel perjodu ta' l-2005.

Il-formola tat-taxxa tan-negozji: madwar 60 fil-mija fl-2005, madwar 40 fil-mija fl-2004.

- Jitnaqqsu jew jitneħħew ir-rekwiżiti ta' informazzjoni fejn dawn ikunu relatati ma' rekwiżiti leġiżlattivi li m'għadhomx fis-seħħ jew ġew modifikati minn meta kien adottat ir-rekwiżit ta' informazzjoni (eż. għad hemm obbligi ta' informazzjoni fit-trasport bit-triq li jmorru lura għaż-żmien meta kienu meħtieġa l-permessi biex wieħed jagħmel trasport internazzjonali).

Jidher ċar li dawn il-miżuri m'għandhomx jikkompromettu l-fini sottostanti tal-leġiżlazzjoni u jista' jkun hemm każi, fejn għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien tas-saħħa pubblika jew ta' l-ambjent jew mal-ħtieġa li jkunu mħarsa l-interessi finanzjarji Komunitarji u tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja soda, se jibqgħu jkunu meħtieġa obbligi ta' informazzjoni relattivament kbar.

6. IL-PASSI LI JMISS


Il-Kummissjoni qed tipprevedi għadd ta' passi fir-Reviżjoni Strateġika tar-Regolamentazzjoni Aħjar fl-Unjoni Ewropea tagħha²⁹. Dawn jinkludu l-preżentazzjoni, kmieni fl-2007, ta' Programm ta' Azzjoni biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fuq il-bażi tar-riżultati ta' konsultazzjoni dwar dan id-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni u dwar ir-Reviżjoni Strateġika tar-Regolamentazzjoni Aħjar li huwa anness magħha. Il-Programm ta' Azzjoni se jinkludi wkoll proposti biex tittieħed immedjatament azzjoni rigward il-“frott fil-baxx”.

Il-Programm ta' Azzjoni se jinkludi proposti li se jippermettu li l-Kunsill Ewropew tar-Rebbieġha ta' l-2007 jieħu d-deċiżjonijiet li ġejjin:

- Jiffissa mira ġenerali biex fl-UE jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi
- Jiftiehem dwar l-oqsma prijorarji għal kejl ta' l-ispejjeż amministrattivi u għal tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi;
- Japprova uffiċjalment il-metodoloġija għall-kejl li ġiet proposta fil-Programm ta' Azzjoni, u
- Jiftiehem dwar il-lista ta' “frott fil-baxx” għal azzjoni immedjata.

²⁹ COM(2006) 689, l-14 ta' Novembru 2006.

Programm għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi



Il-Kummissjoni, l-Istituzzjonijiet l-oħra ta' l-UE u l-Istati Membri sussegwentement għandhom iniedu programm ta' kejl u jieħdu azzjoni rigward il-“frott fil-baxx”. Il-programm ta' kejl il-kbir jista' jinbenda fir-Rebbiegħa ta' l-2007 u għandu jsir rapport dwaru fir-raba' tliet xhur ta' l-2008. F'dan l-istadju, il-Kummissjoni tista' tipproponi miri settorjali aktar dettaljati kif ukoll azzjonijiet ta' semplifikazzjoni.

Dawn l-azzjonijiet jistgħu jiġu inklużi fil-programm li għaddej ta' semplifikazzjoni li diġà jinkludi numru ta' proposti importanti, f'kapitolu separat, biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi³⁰. B'dan il-mod, il-programm ta' semplifikazzjoni jista' jikkontribwixxi għall-monitoraġġ tal-progress dwar l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi. Sadanittant, matul dan il-perjodu, l-Istati Membri jistgħu jieħdu azzjonijiet simili u jaslu għal riżultati rigward it-tnaqqis tal-piżijiet billi tkun modifikata leġislazzjoni nazzjonali u/jew reġjonali. L-Istati Membri jistgħu jirrapportaw dwar il-programmi nazzjonali għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi tagħhom fil-kapitolu “Regolamentazzjoni Aħjar” tar-rapporti ta' progress tagħhom fil-kuntest ta' l-istrateġiji għat-“Tkabbir u l-Impjiegi”. B'dan il-mod, il-Kummissjoni tista' tirrapporta kull sena dwar il-progress – fuq livell Komunitarju u

³⁰ Ara “First progress report on the Simplification Strategy To Improve The Regulatory Environment” (“L-ewwel rapport ta' progress dwar l-Istrateġija ta' Semplifikazzjoni biex Jittejeb l-Ambjent Regulatorju”), Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff, Ottubru 2006, pereżempju fl-oqms tal-politika li ġejjin: L-ambjent: reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati ta' l-Iskart (IPPC) u leġislazzjoni oħra relatata dwar l-emissjonijiet industrijali sabiex jithejbu ċ-ċarezza u l-konsistenza (prinċipalment f'termini ta' rappurtaġġ) u jiġu ssemplifikati r-rekwiżiti; Id-Direttiva dwar il-prodotti tal-kostruzzjoni, sabiex jiġi ċċarat u mnaqqas il-piż amministrattiv, partikolarment għall-SMEs, permezz ta' aktar flessibilità fil-formulazzjoni u fl-użu ta' speċifikazzjonijiet tekniċi, regoli eħfef għaċ-ċertifikazzjoni, u l-eliminazzjoni ta' l-ostakli ta' implimentazzjoni li s'issa fixklu l-ħolqien ta' suq intern sħiħ għall-prodotti ta' kostruzzjoni; L-istatistika: jitħaffef ir-rappurtaġġ statistiku min-naħa ta' l-operaturi ekonomiċi, possibbilment jiġu eżentati l-SMEs, fejn jitqiesu r-riżultat tal-proġett pilota li għaddej dwar il-kejl u t-tnaqqis ta' l-ispejjeż amministrattivi u l-istudju ta' fattibilità biex tkun analizzata kemm taħdem sistema ta' ġbir li tkun limitata għal fluss wieħed.

nazzjonali – fir-Rapport Annwali ta' Progress tagħha, biex b'hekk tgħin lill-Kunsill Ewropew ħalli jagħti aktar direzzjoni lil dan il-programm.

7. KONKLUŻJONIJIET

Il-Kummissjoni Ewropea, fir-reviżjoni strateġika tagħha tar-regolamentazzjoni aħjar fl-UE, qed tipproponi li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi fl-Unjoni Ewropea b'25%. L-analiżi turi li dan jista' jkun kontribut ewlieni sabiex jissaħħaħ il-klima tan-negozju fl-Ewropa u jkunu ġġenerati benefiċċji ekonomiċi sinifikanti – ta' ammonti li jlaħħqu sa € 150 biljun f'termini assoluti tul perjodu medju ta' żmien.

Dan id-dokument jistabbilixxi pjan possibbli biex jintlaħaq dan il-għan, ibbażat fuq sħubija bejn l-Istituzzjonijiet ta' l-UE u l-Istati Membri. Fil-qalba ta' dan il-metodu hemm metodoloġija komuni biex jitkejlu l-ispejjeż f'oqsma prijoritarji miftiehma u prinċipji komuni biex jitnaqqsu l-piżijiet. Il-progress għandu jkun immonitorjat permezz ta' miri parzjali miftiehma kif ukoll permezz ta' miri intermedji.

Il-benefiċċji ta' metodu ta' din ix-xorta jistgħu jkunu ferm sinifikanti, imma r-riżorsi meħtieġa biex wieħed jidħol għal dawn l-isforzi m'għandhomx ikunu sottovalutati. Għalhekk, se jkun essenzjali li l-Istituzzjonijiet ta' l-UE u l-Istati Membri jimpenjaw irwieħhom b'mod qawwi sabiex ikun hemm ir-riżultati.

Kummenti u suġġerimenti dwar il-metodu li ġie spjegat fil-qosor f'dan id-dokument jintlaqgħu bil-ħerqa. Il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jagħtu l-kontribut tagħhom. Fuq il-bażi ta' din il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni se tiffinalizza l-proposta tagħhha għal Programm ta' Azzjoni għall-kejl u għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi fl-UE li għandu jkun ippreżentat kmieni fl-2007.

Jekk jogħġbok ibgħat il-kummenti tiegħek lil dan l-indirizz ta' l-email sa l-1 ta' Jannar 2007:

entr-admin-burdens@ec.europa.eu

ANNEX 1

Current initiatives in Member States for measuring administrative costs in selected areas

(updated at September 2006)

Country	AT	BE	CZ	DK	DE	EE	FI	FR	HU	IE	IT	LV	NL	PL	SE	UK
Area																
Tax																
- VAT (excl. invoicing)	P	Y	Y	Y	P	Y	P	N	Y	N	P	P	Y	Y	Y	Y
- Excise duties	P	P	Y	Y	P	N	N	N	N	N	N	N	Y	P	Y	Y
- Other tax	P	N	Y	Y	P	N	N	N	N	N	N	N	Y	P	Y	Y
Business and economic affairs	P	Y	Y	Y	P	N	N	N	P	N	N	N	Y	P	N	Y
Statistics	P	P	Y	Y	P	Y	N	N	P	N	N	N	Y	P	P	Y
Justice	P	P	Y	Y	P	N	N	N	N	N	N	N	Y	N	N	Y
Annual Reporting	P	P	Y	Y	P	N	N	N	N	P	P	N	Y	P	Y	Y
Financial Markets	P	N	Y	Y	P	N	N	N	N	N	N	N	Y	Y	N	Y
Environment	P	P	Y	Y	P	N	N	N	N	N	N	N	Y	P	Y	Y
Business permits	P	P	Y	Y	P	Y	N	P	P	N	P	N	Y	P	N	Y
Social affairs	P	P	Y	Y	P	N	N	N	P	N	N	N	Y	P	N	Y
Labour Law	P	P	Y	Y	P	P	N	N	P	N	P	N	Y	P	Y	Y
Safety at work	P	P	Y	Y	P	P	N	N	P	N	P	N	Y	P	Y	Y
(Food) safety	P	P	Y	Y	P	N	N	N	N	N	N	N	Y	P	N	Y
Interior	P	P	Y	Y	P	N	N	N	N	N	N	N	Y	N	N	Y
Health	P	P	Y	Y	P	N	N	N	N	N	N	N	Y	N	N	Y
Family, consumer affairs	P	P	Y	Y	P	N	N	N	P	P	N	N	Y	N	N	Y
Science, Technology, Innovation	P	P	Y	Y	P	N	N	N	N	N	N	N	Y	N	N	Y
Culture	P	P	Y	Y	P	N	N	N	N	N	N	N	Y	N	N	Y
Transport	P	P	Y	Y	P	N	N	P	P	N	P	N	Y	Y	N	Y
Agriculture	P	P	Y	Y	P	N	N	P	P	N	N	N	Y	N	Y	Y
Overall Baseline measurement	P	N	Y	Y	P	N	N	N	N	N	N	N	Y	P	P	Y
Source: SCM network																
Y= Measured																
P= Planned or being measured																
N= not measured																

ANNEX 2

Possible priority areas of Community legislation as indicated by national measurements

No	Area	EC legislation - examples	NL	DK	CZ
1	Annual Accounts/Company Law	Fourth Council Directive 78/660/EEC of 25 July 1978 based on Article 54 (3) (g) of the Treaty on the annual accounts of certain types of companies.	The area 'private law', which includes accounting, represents 22.5% of Total administrative burdens in Cat. A and 12.8% in Cat. B in the NL.	27% of Cat. A and 12.9% of B	n.a.
		3 rd Council Directive of 9 October 1978 (78/855/EEC) and 6 th Council Directive of 17 December 1982 (82/891/EEC)			
		Council regulation (EC) No 1346/2000 of 29 May 2000 on insolvency proceedings			
		Second Council Directive of 13 December 1976 on coordination of safeguards which, for the protection of the interests of members and others, are required by Member States of companies within the meaning of the second paragraph of Article 58 of the Treaty, in respect of the formation of public limited liability companies and the maintenance and alteration of their capital, with a view to making such safeguards equivalent (77/91/EEC)			
2	Health Protection (including Animal Health and Zootechnics)	Directive 2001/83/EC of the European Parliament and of the Council of 6 November 2001 on the Community code relating to medicinal products for human use	Health protection is 23.41% of Cat. A, whereas 'health care is 4.87%. In Cat. B, percentages are much lower (0.43% and 0)	Approx. 4.8% of Cat. A and 12.9% of Cat. B	12.8% of Cat. A and 21.8% of Cat. B
		Directive 2001/20/EC on the approximation of laws, regulations and administrative provisions of the Member States relating to the implementation of good clinical practice in the conduct of clinical trials on medicinal products for human use			
3	Working environment/employment relations	Council Directive 89/391/EEC of 12 June 1989 on the introduction of measures to encourage improvements in the safety and health of workers at work	9.63% of Cat. A and 8.27% of Cat. B.	Approx. 7.9% of Cat. A and 10.6% of Cat. B	n.a.

No	Area	EC legislation - examples	NL	DK	CZ
4	Fiscal Law/VAT	Sixth Council Directive 77/388/EEC of 17 May 1977 on the harmonization of the laws of the Member States relating to turnover taxes - Common system of value added tax: uniform basis of assessment	19.02% of Cat A and 14.27% of Cat. B	9.7% of Cat. A and 3.7% of Cat. B (includes duties)	n.a.
5	Statistics	Council Regulation (EEC) No 3330/91 and Commission Regulation (EC) No 1901/2000 laying down certain provisions for the implementation of Council Regulation (EEC) No 3330/91	low percentages, but it was likely included in other areas, depending on the areas in which statistical have to be produced	2.6% of Cat. A (includes keeping logbooks for fisheries)	4.4% of Cat. A and 5.3% of Cat. B
6	Agriculture and Agricultural Subsidies	Council Regulation (EC) No 1782/2003 of 29 September 2003 establishing common rules for direct support schemes under the common agricultural policy and establishing certain support schemes for farmers and amending Regulations (EEC) No 2019/93, (EC) No 1452/2001, (EC) No 1453/2001, (EC) No 1454/2001, (EC) 1868/94, (EC) No 1251/1999, (EC) No 1254/1999, (EC) No 1673/2000, (EEC) No 2358/71 and (EC) No 2529/2001	0.15% of Cat. A and 1.61% of Cat. B	13.2% of Cat. B (includes direct support to farmers, agricultural use of fertilizers, premium for livestock and commercial keeping of animals)	Protection of plants and plant products is 1.2% of Cat. A and 1.3% of Cat.B. Marketing of seeds and plants is 2.6% of Cat. B

No	Area	EC legislation - examples	NL	DK	CZ
7	Food Labelling	<p>Regulation (EC) No 1760/2000 of the European Parliament and of the Council of 17 July 2000 establishing a system for the identification and registration of bovine animals and regarding the labelling of beef and beef products and repealing Council Regulation (EC) No 820/97</p> <p>Directive 2000/13/EC of the European Parliament and of the Council of 20 March 2000 on the approximation of the laws of the Member States relating to the labelling, presentation and advertising of foodstuffs. (article 3-25)</p>	n.a.	7.6% of Cat. A	<p>Labelling of food is included in "production and placing on the market of food and tobacco products" and in "requirements for packaging", which jointly account for 53.9% of Cat. A Food and tobacco labelling accounts for 25% of Cat. B.</p>

No	Area	EC legislation - examples	NL	DK	CZ
8	Transport	<p>EEC Council: Regulation No 11 concerning the abolition of discrimination in transport rates and conditions, in implementation of Article 79 (3) of the Treaty establishing the European Economic Community</p> <p>Council Regulation (EEC) No 3820/85 of 20 December 1985 on the harmonization of certain social legislation relating to road transport; Council Regulation (EEC) No 3821/85 of 20 December 1985 on recording equipment in road transport; COUNCIL REGULATION (EC) No 2135/98 of 24 September 1998 amending Regulation (EEC) No 3821/85 on recording equipment in road transport and Directive 88/599/EEC concerning the application of Regulations (EEC) No 3820/84 and (EEC) No 3821/85</p> <p>Regulation No 725/2004 of 31 March 2004 on enhancing ship and port facility security</p> <p>Council Directive 94/57/EC of 22 November 1994 on common rules and standards for ship inspection and survey organizations and for the relevant activities of maritime administrations.</p> <p>Council Directive 96/26/EC of 29 April 1996 on admission to the occupation of road haulage operator and road passenger transport operator and mutual recognition of diplomas, certificates and other evidence of formal qualifications intended to facilitate for these operators the right to freedom of establishment in national and international transport operations;</p> <p>Council Directive 97/70/EC of 11 December 1997 setting up a harmonized safety regime for fishing vessels of 24 meters in length and over.</p> <p>Council Directive 96/35/EC of 3 June 1996 on the appointment and vocational qualification of safety advisers for the transport of dangerous goods by road, rail and inland waterway;</p> <p>Council Directive 80/1119/EEC of 17 November 1980 on statistical returns in respect of carriage of goods by inland waterways;</p> <p>Directive 2004/49/EC of the European Parliament and of the Council of 29 April 2004 on safety on the Community's railways and amending Council Directive 95/18/EC on the licensing of railway undertakings and Directive 2001/14/EC on the allocation of railway infrastructure capacity and the levying of charges for the use of railway infrastructure and safety certification (Railway Safety Directive);</p>	4.71% of Cat A and 5.76% of Cat. B	n.a	n.a.

9	Fisheries legislation	<p>Directive 2000/13/EC of the European Parliament and of the Council of 20 March 2000 on the approximation of the laws of the Member States relating to the labelling, presentation and advertising of foodstuffs;</p> <p>Council Regulation (EEC) No 2847/93 of 12 October 1993 establishing a control system applicable to the common fisheries policy</p> <p>Council Directive 97/70/EC of 11 December 1997 setting up a harmonized safety regime for fishing vessels of 24 meters in length and over.</p>	n.a		
				n.a	n.a

Source: Pilot project on administrative burdens

ANNEX 3

Priority areas at national level

Below are tables reporting the most burdensome areas resulting from national legislation³¹.

Denmark Top-20 C-legislation	Costs (€)	Share of C	Share of total costs
Tax requirements for accounts	403.893.874	17,3%	9,7%
Annual accounts	257.738.456	11,0%	6,2%
Taxation	195.439.575	8,4%	4,7%
Price labelling	166.712.672	7,1%	4,0%
Self-checking in the food industry	100.016.302	4,3%	2,4%
Holidays	61.333.135	2,6%	1,5%
Income taxation etc.	60.185.549	2,6%	1,4%
Supplementary pensions	59.695.163	2,6%	1,4%
Working environment II	55.839.686	2,4%	1,3%
Legal framework between employers and employees	42.827.736	1,8%	1,0%
Invoicing of road, soil, sewer etc.	41.949.880	1,8%	1,0%
Private limited companies	40.991.726	1,8%	1,0%
Supplementary pensions II	29.738.100	1,3%	0,7%
Land register	27.548.139	1,2%	0,7%
Taxation of pensions	25.065.589	1,1%	0,6%
Sale and purchase of real-estate	24.447.172	1,0%	0,6%
Good practice for financial companies	24.324.442	1,0%	0,6%
Public limited companies	21.721.877	0,9%	0,5%
Unemployment benefits (sickness and maternity)	20.510.223	0,9%	0,5%
Land register II	17.210.322	0,7%	0,4%
Total	1.677.189.619	71,8%	40,2%

³¹ "Pilot project on administrative burdens", WIFO-CEPS, October 2006

ANNEX 4

Netherlands- Administrative costs by domain	C
Fiscal law	1984,12
Employee insurances	982,20
Health care	870,97
Private law	521,81
Spatial planning: Environmental licenses (general)	304,21
Labour relations	301,70
Working conditions	295,30
Buildings	294,53
Financial markets	211,70
Transport of goods	204,15
Social care	186,20
Medical ethics	124,66
Road traffic law	103,44
Spatial planning: Environmental licenses (sectoral)	101,13
Constitutional and administrative law	99,98
Spatial planning & urban renewal	84,65
Traffic: general	64,07
Agriculture	63,00
Water facilities/constructions	56,91
Corporations and rent law	52,79
Labour market and welfare	47,70
Competition law, ex pricing law	46,07
Seagoing	38,96
Agriculture	38,21
Spatial planning: Rest	30,29
Cluster Telecom & Post	27,67
Soil / ground	24,64
Cat c	18,14
Health protection	15,64
Energy	9,45
Waste	9,33
Inland navigation	8,52
Transportation of persons	7,85
Waste/material & products	5,99
Aviation	3,87
Statistics	3,53